# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**
**Agħti tifsira ta' dawn il-kliem billi turi d-differenza bejniethom f'mhux anqas minn 30 kelma**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Stratifikazzjoni Soċjali | u | Klassi Soċjali |
| 2. | Valuri Soċjali | u | Normi Soċjali |
| 3. | Soċjetà | u | Komunità |
| 4. | Konflitt Etniku | u | Konflitt Razzjali |
| 5. | Familja Nukleari | u | Familja Estiża |

**(20 marka)**

**Taqsima B**
**Wieġeb dan il-mistoqsijiet.**

1a. Għaliex is-soċjalizzazzjoni li sseħħ fil-familja tissejjaħ primarja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3 marki)

b. Barra l-familja semmi żewġ aġenti ta' soċjalizzazzjoni u spjega r-rwol tagħhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1, 1, 2, 2 marki)

2a. In-nies fis-soċjetà għandhom rwoli differenti. X'tifhem b'dan? Agħti żewġ eżempji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2, 1, 1 marki)

b. Fisser il-frażi 'kulħadd l-istess'?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (3 marki)

3a. Il-konflitti jistgħu jidhru taħt diversi forom. Semmi tlieta minnhom.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

(iii) ______________________________

(1, 1, 1 marki)

b. X'qed jagħmlu l-istati moderni biex inaqqsu l-konflitti soċjali?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4 marki)

4. Il-konflitti jġibu magħhom bidliet soċjali. X'insejħulhom dawn il-bidliet soċjali. Agħti 3 eżempji ta' dawn il-bidliet.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________(1, 3 marki)

5. Għaliex is-soċjeta' tħoss il-bżonn ta' sanżjonijiet biex iżżomm il-kontroll soċjali?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (3 marki)

**Total 30 marka**

**Taqsima Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb f'mhux anqas minn 30 kelma kull waħda.**

Aktar minn qatt qabel, qed issir importanti l-idea ta' edukazzjoni tul il-ħajja. ***Id-dinja tax-xogħol fi żmienna hija waħda dinamika u kompetittiva ħafna, fejn il-bdil u l-iżvilupp ta' snajja, prodotti u servizzi ġodda ma jispiċċa qatt.*** L-avvanzi fit-teknoloġija qed joħolqu bidliet f'organizzazzjonijiet ta' xogħol. Qed isir diffiċli li ħaddiem jibda xogħol kif jitlaq mill-iskola u jibqa' fl-istess xogħol sakemm jirtira, u anke jekk jibqa' fl-istess xogħol, is-snajja u l-kapaċitajiet mitluba f'dan ix-xogħol jinbidlu. L-edukazzjoni tul il-ħajja mhux marbuta ma' l-eżiġenzi tax-xogħol biss. Il-ħajja soċjali hija mimlija esperjenzi edukattivi li jistgħu jitwettqu b'mod informali.

1. Spjega fi kliemek is-sentenza miktuba fil-korsiv.

________________________________ (5 marki)

2. X'tifhem bil-frażi 'edukazzjoni tul il-ħajja'?

________________________________ (5 marki)

3. Illum l-adult għandu l-opportunità li jitħarreġ f'kapaċitajiet oħrajn. Semmi żewġ postijiet fejn dan jista' jseħħ. Għaliex huwa meħtieġ li jiddiversifika fix-xogħol tiegħu.

________________________________ (2, 3 marki)

4. L-edukazzjoni informali wkoll tgħin lill-individwu biex jakkwista esperjenzi ġodda. Semmi ħames modi ta' kif dan jista' jseħħ.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (5 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima D**
**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 300 kelma.**

1. Għalkemm saru tibdiliet fl-istruttura u d-daqs tal-familji, xorta waħda taqdi l-istess funzjonijiet. Ikkumenta.

2. Uri kif l-esperjenza ta' demokrazija fl-iskola jistgħu jsaħħu l-ħajja demokratika tal-pajjiż.

3. In-normi u l-valuri huma l-bażi ta' l-imġiba soċjali, għalhekk hu importanti li dawn jiġu trasmessi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Iddiskuti.

4. Il-kontroll soċjali, kemm dak primarju kif ukoll dak sekondarju, insibuh f'kull soċjetà, dik demokratika kif ukoll dik totalitarja. Ikkumenta.

**Total 30 marka**